II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1642

tal-14 ta' Ġunju 2023

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2019/1122 fir-rigward tal-modernizzazzjoni tal-funzjonament tar-Reġistru tal-Unjoni

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 19(3) tagħha,

Billi:

(1) L-Artikolu 19(1) tad-Direttiva 2003/87/KE, qabel l-emenda tagħha bid-Direttiva 2009/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), kien jirrikjedi li l-Istati Membri jipprevedu l-istabbiliment u ż-żamma ta' reġistru biex jiżgura l-kontabilità akkurata tal-ħruġ, iż-żamma, it-trasferiment u l-kanċellazzjoni tal-kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Għal dak l-iskop, l-Artikolu 19(3) tad-Direttiva 2003/87/KE u l-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2216/2004 ([3]) ħolqu sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra li saret operattiva f'Jannar 2005. Dik is-sistema żgurat il-kontabbiltà akkurata tal-kwoti kollha tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra maħruġa taħt l-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-Unjoni ("EU ETS") u żammet rekord tas-sjieda tal-kwoti tal-EU ETS miżmuma f'kontijiet elettroniċi. Din kienet tikkonsisti mir-reġistri tal-Istati Membri kollha u Amministratur Ċentrali, maħtur mill-Kummissjoni, li kellu jżomm reġistru indipendenti tat-tranżazzjonijiet fejn kellu jirreġistra l-kwistjoni, it-trasferiment u l-kanċellazzjoni tal-kwoti. Dak ir-reġistru indipendenti tat-tranżazzjonijiet, ir-Reġistru Komunitarju Indipendenti tat-Tranżazzjonijiet (CITL), inħoloq skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 2216/2004. Dak is-CITL ivverifika, irreġistra u awtorizza awtomatikament it-tranżazzjonijiet kollha li seħħew bejn il-kontijiet fir-reġistri nazzjonali. Fejn kienu jiġu identifikati irregolaritajiet permezz tal-kontrolli awtomatizzati, is-CITL kien jittermina t-tranżazzjonijiet miksuba minn tali irregolaritajiet u l-amministratur ċentrali kien ikollu jinforma lill-Istat Membru jew lill-Istati Membri kkonċernati dwar dan. Barra minn hekk, dak l-Istat Membru jew dawk l-Istati Membri kien(u) miżmum(a) milli jirreġistra(w) (i)t-tranżazzjonijiet jew kwalunkwe tranżazzjoni oħra relatata mal-kwoti kkonċernati sakemm ġew solvuti l-irregolaritajiet.

(2) L-Artikolu 19(1) tad-Direttiva 2003/87/KE ġie emendat bid-Direttiva 2009/29/KE, li ssostitwiet ir-reġistri nazzjonali b'Reġistru tal-Unjoni. Madankollu, l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2009/29/KE kien fih dispożizzjoni tranżizzjonali, li minħabba fiha d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/87/KE kellhom ikomplu japplikaw sal-31 ta' Diċembru 2012. Sadanittant, is-CITL ġie sostitwit mir-Reġistru tat-Tranżazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

([1]) ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32.

([2]) Id-Direttiva 2009/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE għat-titjib u l-estensjoni tal-iskema Komunitarja għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 63).

([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2216/2004 tal-21 ta' Diċembru 2004 għal sistema standardizzata u sikura ta' reġistri skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 386, 29.12.2004, p. 1).

("EUTL"), li ġie stabbilit mill-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 920/2010 ([4]). Dak ir-Regolament tal-Kummissjoni ġie sostitwit bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 389/2013 ([5]), li fl-Artikolu 4 tiegħu stabbilixxa r-Reġistru tal-Unjoni. Dak ir-Regolament tal-Kummissjoni kien, min-naħa tiegħu u ħlief għall-punt (30) tal-Artikolu 3 tiegħu, sostitwit bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1122 ([6]). Għalhekk, ir-Regolament Delegat (UE) 2019/1122 issa fih ir-regoli għall-funzjonament tar-Reġistru tal-Unjoni għall-fażi 4 tal-iskema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (EU ETS), li bdiet fl-1 ta' Jannar 2021, u l-kwoti kollha tal-EU ETS maħruġa mill-1 ta' Jannar 2012 'il quddiem għandhom jinżammu fir-Reġistru tal-Unjoni. Bħala riżultat taċ-ċentralizzazzjoni tar-reġistri, l-EUTL sar parti mir-Reġistru tal-Unjoni, li jenħtieġ li jiġi rifless fir-Regolament Delegat (UE) 2019/1122. Għalhekk, ir-Reġistru tal-Unjoni jwettaq, mill-1 ta' Jannar 2012, il-funzjonijiet kollha tal-EUTL.

(3) Bħala parti mill-modernizzazzjoni tal-infrastruttura tal-IT tar-Reġistru tal-Unjoni, ir-rwol u l-evoluzzjoni possibbli tiegħu jiġu vvalutati mill-ġdid perjodikament mill-Kummissjoni bħala l-Amministratur Ċentrali sabiex jitneħħew ir-ridondanzi fl-IT (jiġifieri referenza għal xi komponenti tal-IT minflok funzjonijiet jew kontrolli) u sabiex titħejja l-infrastruttura għall-evoluzzjonijiet futuri tal-qafas tal-IT, mingħajr madankollu ma tiġi affettwata l-funzjonalità jew is-sigurtà tiegħu. Filwaqt li tali modernizzazzjoni se taffettwa l-mod kif jitwettqu l-kontrolli awtomatizzati, jenħtieġ li jinżammu l-kontrolli kollha stabbiliti mill-Artikolu 20(2) tad-Direttiva 2003/87/KE li jiżguraw li ma jkun hemm l-ebda irregolarità meta jinħarġu, jiġu ttrasferiti jew jiġu kkanċellati l-kwoti.

(4) Bħalissa, l-utenti tar-Reġistru tal-Unjoni jistgħu jibdew trasferimenti mingħajr ebda limitazzjoni skont il-livelli limitu (il-valur) tat-trasferiment. Sabiex tittejjeb is-sigurtà ta' tranżazzjonijiet ta' valur għoli, l-użu ta' listi ta' kontijiet ta' fiduċja għal tranżazzjonijiet li jaqbżu livell limitu partikolari jenħtieġ li jkun obbligatorju.

(5) Fil-Komunikazzjoni tagħha tat-13 ta' Ottubru 2021 dwar iż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija ([7]), il-Kummissjoni talbet lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq biex teżamina xejriet aktar mill-qrib tal-imġiba kummerċjali u l-ħtieġa potenzjali għal azzjonijiet immirati fuq is-suq Ewropew tal-karbonju. Wieħed mis-sorsi importanti għal dik l-analiżi mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq kien id-*data* tar-Reġistru tal-Unjoni dwar is-sjieda u t-trasferimenti ta' kwoti fir-Reġistru tal-Unjoni. L-analiżi wriet li għal finijiet ta' monitoraġġ tas-suq, ikun ta' benefiċċju li mar-Regolament Delegat (UE) 2019/1122 jiżdied rekwiżit biex jiġu identifikati tranżazzjonijiet ta' kwoti tal-emissjonijiet bejn id-detenturi tal-kontijiet li huma parti mill-istess grupp. F'dan il-mument, l-informazzjoni dwar l-istruttura tal-grupp hija meħtieġa biss għall-kontijiet ta' depożitu ta' operatur. Ir-rekwiżit li tiġi pprovduta din l-informazzjoni jenħtieġ li jiġi introdott għall-kontijiet ta' skambju wkoll.

(6) L-Artikolu 80(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/1122 jelenka entitajiet li jistgħu jiksbu *data* mir-Reġistru tal-Unjoni. Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 ([8]) stabbilixxa l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE), li huwa responsabbli għall-investigazzjoni, għall-prosekuzzjoni u għat-tressiq għall-ġustizzja ta' reati kontra l-interessi finanzjarji tal-Unjoni mill-1 ta' Ġunju 2021. Dawk ir-reati jinkludu diversi tipi ta' frodi, frodi tal-VAT b'danni ta' aktar minn EUR 10 miljun, ħasil tal-flus, korruzzjoni, eċċ. Għalhekk, huwa xieraq li l-UPPE jiżdied mal-entitajiet elenkati fl-Artikolu 80(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/1122.

(7) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2019/1122 jiġi emendat skont dan.

([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 920/2010 tas-7 ta' Ottubru 2010 għal sistema standardizzata u sikura ta' reġistri skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 270, 14.10.2010, p. 1).

([5]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 389/2013 tat-2 ta' Mejju 2013 li jistabbilixxi Reġistru tal-Unjoni skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Deċiżjonijiet Nru 280/2004/KE u Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (UE) Nru 920/2010 u (UE) Nru 1193/2011 (ĠU L 122, 3.5.2013, p. 1).

([6]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1122 tat-12 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta d-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-funzjonament tar-Reġistru tal-Unjoni (ĠU L 177, 2.7.2019, p. 3).

([7]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Ottubru 2021 lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, "L-indirizzar taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija: sett ta' għodod għall-azzjoni u l-appoġġ", COM(2021) 660 final.

([8]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).

(8) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]) u ta l-opinjoni tiegħu fl-20 ta' April 2023,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament Delegat (UE) 2019/1122 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1 tiżdied is-sentenza li ġejja

"L-EUTL għandu jkun parti mir-Reġistru tal-Unjoni.";

(b) fil-paragrafi 2 sa 4, l-akronimu "EUTL" huwa sostitwit bi "bażi tad-*data* elettronika standardizzata";

(2) l-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:

(a) fit-titolu, jitħassar il-kliem "u l-EUTL";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jivverifika u jirreġistra t-tranżazzjonijiet bi kwoti u l-proċessi ta' ġestjoni tal-kontijiet stabbiliti fil-Kapitolu 3 tat-Titolu I. It-tranżazzjonijiet kollha li jinvolvu unitajiet ta' kwoti għandhom isiru fir-Reġistru tal-Unjoni, u għandhom jiġu rreġistrati u vverifikati qabel u wara li jiġu eżegwiti l-proċessi ta' ġestjoni tal-kontijiet. L-amministratur ċentrali jista' jistabbilixxi konnessjoni ta' komunikazzjoni ristretta bejn ir-Reġistru tal-Unjoni u r-reġistru ta' pajjiż terz li jkun iffirma trattat li jikkonċerna l-adeżjoni tiegħu mal-Unjoni.";

(3) fit-tielet sentenza tal-Artikolu 7(4), jitħassar il-kliem "u l-EUTL";

(4) l-Artikolu 23 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-kontijiet fir-Reġistru tal-Unjoni għandu jkollhom lista ta' kontijiet ta' fiduċja.";

(b) jiddaħħlu l-paragrafi 3a u 3b li ġejjin:

"3a. L-amministratur ċentrali jista' jistabbilixxi livell limitu li jekk jinqabeż, it-tranżazzjonijiet jistgħu jitwettqu biss għal kontijiet li jidhru fil-lista tal-kontijiet ta' fiduċja.

3b. Ir-rappreżentanti tal-kontijiet jistgħu jistabbilixxu livelli limitu għat-tranżazzjonijiet għall-kontijiet tagħhom stess. Dawn il-limiti għandhom jiġu approvati minn rappreżentant ieħor tal-kont jew minn amministratur nazzjonali.";

(5) fil-punt (c) tal-Artikolu 30(1), jitħassar il-kliem "jew l-EUTL";

(6) fl-Artikolu 52 u fl-Artikolu 53(2), l-akronimu "EUTL" huwa sostitwit bi "Reġistru tal-Unjoni";

(7) fl-Artikolu 55, jiżdied il-paragrafu 5 li ġej:

"5. Mal-bidu ta' trasferiment, ir-rappreżentant awtorizzat għandu jindika jekk it-trasferiment ġiex eżegwit bejn id-detenturi ta' kontijiet li jappartjenu għall-istess grupp.";

(8) fit-Titolu III, Dispożizzjonijiet tekniċi komuni, it-titolu tal-Kapitolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

([9]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

"KAPITOLU 1

REKWIŻITI TEKNIĊI TAR-REĠISTRU TAL-UNJONI";

(9) l-Artikolu 60 huwa emendat kif ġej:

(a) fit-titolu, jitħassar il-kliem "u l-EUTL";

(b) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) fil-punt (b), jitħassar il-kliem "bejn ir-Reġistru tal-Unjoni u l-EUTL";

(ii) il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) ir-Reġistru tal-Unjoni jwieġeb minnufih għat-talbiet magħmula mir-rappreżentanti tal-kontijiet.";

(c) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jinkorpora sistemi u proċeduri b'saħħithom biex titħares id-*data* rilevanti kollha u jitħaffef l-irkupru minnufih ta' *data* u operazzjonijiet f'każ ta' falliment jew diżastru.";

(d) fil-paragrafu 3, jitħassar il-kliem "u l-EUTL";

(10) fl-Artikolu 62, jitħassar il-kliem "mill-EUTL";

(11) fl-Artikolu 65, jitħassar il-kliem "jew l-EUTL" u "jew tal-EUTL";

(12) fl-Artikolu 66(2) jitħassar il-kliem "jew l-EUTL";

(13) l-Artikolu 68 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, jitħassar il-kliem "mill-EUTL ta'";

(b) fil-paragrafu 4, l-akronimu "EUTL" huwa sostitwit bi "Reġistru tal-Unjoni";

(14) fl-Artikolu 70, l-akronimu "EUTL" huwa sostitwit bi "Reġistru tal-Unjoni";

(15) l-Artikolu 71 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 71*

Detezzjoni ta' diskrepanzi

Fil-każ ta' proċessi kompluti permezz tal-konnessjoni ta' komunikazzjoni diretta msemmija fl-Artikolu 6(2), l-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jittermina kwalunkwe proċess fejn jidentifika diskrepanzi mat-twettiq tal-kontrolli awtomatizzati msemmija fl-Artikolu 72(2), u għandu jinforma lill-amministratur tal-kontijiet involuti fit-tranżazzjoni terminata tiegħu. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jinforma minnufih lid-detenturi rilevanti tal-kontijiet li l-proċess ikun ġie terminat billi jibgħat lura kodiċi ta' rispons ta' kontroll awtomatizzat.";

(16) fl-Artikolu 72(2), l-akronimu "EUTL" huwa sostitwit bi "Reġistru tal-Unjoni".

(17) l-Artikolu 73 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 73*

Rikonċiljazzjoni — detezzjoni ta' inkonsistenzi mir-Reġistru tal-Unjoni

1. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jibda perjodikament, rikonċiljazzjoni tad-*data* sabiex ikun żgurat li r-rekords tal-kontijiet u d-depożiti ta' kwoti jkunu jaqblu mat-tranżazzjonijiet eżegwiti fir-Reġistru tal-Unjoni. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jirreġistra l-proċessi kollha.

2. Jekk matul il-proċess ta' rikonċiljazzjoni tad-*data* msemmi fil-paragrafu 1 tiġi identifikata inkonsistenza fir-rigward tal-kontijiet jew tad-depożiti ta' kwoti bħala parti mill-proċess ta' rikonċiljazzjoni perjodika, l-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jipprevjeni kwalunkwe proċess ulterjuri li għandu jitlesta bi kwalunkwe wieħed mill-kontijiet jew mid-depożiti ta' kwoti li huma s-suġġett tal-inkonsistenza. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jgħarraf minnufih lill-amministratur ċentrali u lill-amministraturi tal-kontijiet rilevanti jew tad-depożiti ta' kwoti bi kwalunkwe inkonsistenza.";

(18) l-Artikolu 74 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 74*

Finalizzazzjoni ta' proċessi

1. It-tranżazzjonijiet u l-proċessi l-oħrajn kollha kkomunikati lir-Reġistru tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 6(2) għandhom ikunu finali meta jitwettqu l-kontrolli awtomatizzati kollha. L-amministratur ċentrali għandu jiżgura li r-Reġistru tal-Unjoni jwaqqaf awtomatikament it-tlestija ta' tranżazzjoni jew proċess jekk dik it-tranżazzjoni jew dak il-proċess ma jkunx jista' jitlesta fi żmien 24 siegħa mill-komunikazzjoni tiegħu.

2. Il-proċess ta' rikonċiljazzjoni tad-*data* msemmi fl-Artikolu 73 għandu jkun finali meta l-inkonsistenzi kollha għal żmien u data speċifiċi għal kontijiet speċifiċi jew depożiti ta' kwoti jkunu ġew solvuti, u l-proċess ta' rikonċiljazzjoni tad-*data* jkun reġa' nbeda u tlesta b'suċċess.";

(19) fl-Artikolu 76, jitħassar il-kliem "qabel ma tiġi stabbilita u attivata konnessjoni ta' komunikazzjoni bejn il-verżjoni l-ġdida jew ir-rilaxx ta' dak is-software u l-EUTL";

(20) l-Artikolu 77 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafi 1 u 5, jitħassar il-kliem "u l-EUTL";

(b) fil-paragrafi 5, 6 u 7, jitħassar il-kliem "jew l-EUTL";

(21) fl-Artikolu 79(1) jitħassar il-kliem "u l-EUTL jew";

(22) l-Artikolu 80 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, jitħassar il-kliem "l-EUTL u";

(b) il-paragrafu 3 huwa emendat kif ġej:

(i) fl-ewwel sentenza, jitħassar il-kliem "u l-EUTL";

(ii) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) il-pulizija jew awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi jew ġudizzjarja, l-awtoritajiet tat-taxxa ta' Stat Membru u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE);";

(c) fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 4, tiżdied is-sentenza li ġejja:

"Dawk l-entitajiet għandhom jagħmlu kwalunkwe talba lill-amministratur ċentrali jew lil amministratur nazzjonali billi jużaw il-mudell stabbilit fl-Anness XIV.";

(d) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. L-entitajiet li jkunu rċevew *data* skont il-kundizzjonijiet deskritti hawn fuq għandhom jikkondividu mal-amministratur ċentrali, jekk iqisu li dan ikun meħtieġ, il-konklużjonijiet ġenerali tagħhom dwar l-implikazzjonijiet legali jew tekniċi tat-tranżazzjonijiet mal-kwoti, inkluż sejbiet ġenerali biex jittejjeb il-fehim tal-implikazzjonijiet legali tal-proċessi analizzati u biex jingħata kontribut għall-iżviluppi tal-politika mingħajr ma ssir referenza għal *data* ta' kontijiet jew tranżazzjonijiet individwali.";

(e) fil-paragrafu 7, jitħassar il-kliem "u l-EUTL";

(f) fil-paragrafu 10, jitħassar il-kliem "L-EUTL u";

(23) fl-Artikolu 82, jitħassar il-kliem "u tal-EUTL";

(24) l-Annessi III, IV, VI, VII, VIII u XIII huma emendati f'konformità mal-Anness I;

(25) it-test stabbilit fl-Anness II jiżdied bħala l-Anness XIV.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Ġunju 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

L-Annessi III, IV, VI, VII, VIII u XIII tar-Regolament Delegat (UE) 2019/1122 huma emendati kif ġej:

(1) fl-Anness III, it-Tabella III-I hija emendata kif ġej:

(a) fil-kolonna F, l-intestatura "Jintwera fuq is-sit web pubbliku tal-EUTL?" hija sostitwita b'dan li ġej: "Jintwera fuq is-sit web pubbliku?";

(b) fl-aħħar ringiela, is-sentenza "Jintwera fuq is-sit web pubbliku tal-EUTL." hija sostitwita b'dan li ġej: "Jintwera fuq is-sit web pubbliku.";

(2) fl-Anness IV, il-punt 5 huwa emendat kif ġej:

(a) jiżdied il-punt (f) li ġej:

"(f) detenturi ta' kont li jkunu parti minn grupp, għandhom jipprovdu dokument li jidentifika b'mod ċar l-istruttura tal-grupp.";

(b) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"Għall-finijiet tal-punt (f), meta d-dokument li jidentifika l-istruttura tal-grupp ikun kopja, nutar pubbliku jew persuna simili oħra speċifikata mill-amministratur nazzjonali għandhom jiċċertifikaw dik il-kopja bħala kopja vera. Kopja ċċertifikata li tinħareġ barra l-Istat Membru li jitlob kopja għandha tkun legalizzata, ħlief fejn ikun previst mod ieħor mil-liġi nazzjonali. Id-data taċ-ċertifikazzjoni jew tal-legalizzazzjoni ma għandhiex tkun ta' aktar minn tliet xhur qabel id-data tal-applikazzjoni.";

(3) l-Anness VI huwa emendat kif ġej:

(a) fit-Tabella VI-I, il-kolonna F, l-intestatura "Jintwera fuq is-sit web pubbliku tal-EUTL?" hija sostitwita b'dan li ġej: "Jintwera fuq is-sit web pubbliku?";

(b) fit-Tabella VI-II, il-kolonna F, l-intestatura "Jintwera fuq is-sit web pubbliku tal-EUTL?" hija sostitwita b'dan li ġej: "Jintwera fuq is-sit web pubbliku?";

(4) fl-Anness VII, it-Tabella VII-I, il-kolonna F, l-intestatura "Jintwera fuq is-sit web pubbliku tal-EUTL?" hija sostitwita b'dan li ġej: "Jintwera fuq is-sit web pubbliku?";

(5) fl-Anness VIII, it-Tabella VIII-I, il-kolonna F, l-intestatura "Jintwera fuq is-sit web pubbliku tal-EUTL?" hija sostitwita b'dan li ġej: "Jintwera fuq is-sit web pubbliku?";

(6) l-Anness XIII huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt 1 huwa emendat kif ġej:

(i) il-kliem introduttorju huwa sostitwit b'dan li ġej: "Ir-Reġistru tal-Unjoni għandu juri fis-sit web pubbliku l-informazzjoni li ġejja għal kull kont:";

(ii) fil-punt (a), il-kliem "jintwera fuq is-sit web pubbliku tal-EUTL" huwa sostitwit b'dan li ġej: "jintwera fuq is-sit web pubbliku";

(iii) fit-Tabella XIV-I, l-intestatura "għandu jintwera fuq is-sit web pubbliku tal-EUTL" huwa sostitwit b'dan li ġej: "għandu jintwera fuq is-sit web pubbliku";

(b) fil-punt 2, il-kliem introduttorju huwa sostitwit b'dan li ġej: "Ir-Reġistru tal-Unjoni għandu juri fis-sit web pubbliku l-informazzjoni ġenerali li ġejja, u għandu jaġġornaha kull 24 siegħa:";

(c) fil-punt 3, il-kliem introduttorju huwa sostitwit b'dan li ġej: "Ir-Reġistru tal-Unjoni għandu juri fuq is-sit web pubbliku tiegħu l-informazzjoni ġenerali li ġejja, fit-30 ta' April ta' kull sena:";

(d) fil-punt 4, il-kliem introduttorju huwa sostitwit b'dan li ġej: "Ir-Reġistru tal-Unjoni għandu juri fuq is-sit web pubbliku l-informazzjoni li ġejja dwar kull tranżazzjoni kompluta rreġistrata mir-Reġistru tal-Unjoni sat-30 ta' April ta' sena partikolari fl-1 ta' Mejju tliet snin wara:";

(e) fil-punt 5, il-kliem introduttorju huwa sostitwit b'dan li ġej: "Fl-1 ta' Mejju ta' kull sena, għandha tiġi ppubblikata l-informazzjoni li ġejja dwar il-ftehimiet li huma fis-seħħ skont l-Artikolu 25 tad-Direttiva 2003/87/KE rreġistrati mir-Reġistru tal-Unjoni sat-30 ta' April:";

(f) fil-punt 6(b)(v), jitħassar il-kliem "u l-EUTL";

(g) fil-punt 8(b)(iv), jitħassar il-kliem "u l-EUTL".

ANNESS II

"ANNESS XIV

Mudell għal talba għal *data* maħżuna fir-Reġistru tal-Unjoni skont l-Artikolu 80(3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1122 ([1])

Talba lil *[speċifika jekk it-talba hijiex ippreżentata lill-amministratur ċentrali jew nazzjonali]* tar-Reġistru tal-Unjoni skont l-Artikolu 80(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/1122

1.	Awtorità li tippreżenta t-talba:	
2.	Data tat-talba:	
3.	Finijiet għat-talba mil-lista eżawrjenti stabbilita fl-Artikolu 80(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/1122	
4.	Deskrizzjoni tal-kuntest legali jew amministrattiv li fih se tintuża d-*data*:	
5.	Deskrizzjoni preċiża tad-*data* mitluba, inkluż il-perjodu ta' żmien li għalih qed tintalab id-*data*:	
6.	Punt ta' kuntatt għal kwalunkwe mistoqsija b'rabta mat-talba:	

Kif meħtieġ mill-Artikoli 80(4) u 80(5) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/1122, aħna nimpenjaw ruħna li nużaw l-informazzjoni kunfidenzjali li rċevejna skont din it-talba għall-iskop biss li għalih ġiet ipprovduta tali informazzjoni u li ma nagħmlux id-*data* riċevuta disponibbli deliberatament jew aċċidentalment lil persuni mhux involuti fl-iskop maħsub tal-użu tad-*data*.

[Isem u firma]"

([1]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1122 tat-12 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta d-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-funzjonament tar-Reġistru tal-Unjoni (ĠU L 177, 2.7.2019, p. 3).